## QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

## SEDUTA tal-5 ta' Ottubru, 2001.

### Citazzjoni numru 1516/01GC

**Aquatess Limited**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarket Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta konvenuta l-ammont ta' Lm6907 (sitt elef disa mija u seba lira Maltin) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-imsemmija socjeta konvenuta;

Illi dan l-ammont intalab lis-socjeta konvenuta;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u skadut;

Illi fil-fehema tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba li qed isirilha;

Talbeta ghalhekk lis=socjeta konvenuta tghid l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-atturi nomine bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art. L67 tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi nomine is-somma ta' Lm6907 (sitt elef, disa mija u seba liri Maltin) minnha dovuti ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-l7 ta' Awissu, 2001, tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru kawtellatorji prezentati illum u bl-imghax tat-8% fuq Lm6907 mit-28 ta''Jannar, 2000 sal-hlas effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmienpreskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur